KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**
**8 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 63**

**It-Tnejn, 17 t'April, 2023**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa, fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa*, fil-17:30h.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Mifsud | Kunsillier *(online)* |
| Is-Sur Simon Buttigieg | Kunsillier |
| Is-Sur Johann Borg | Kunsillier *(online)* |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Doriana Portelli | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFICJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sa Doreen Mintoff | *Accountant* |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Hadd

## 63.01 Qari t'ittri t'apoloġija

**63.01.01** Il-Kunsilliera Doriana talbet sabiex tiġi skużata mis-seduta tal-llum minħabba raġunijiet ta' xogħol. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**63.01.02** Rigward il-Kunsillier Carlo Stivala, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li ma rċieva xejn min-naħa tiegħu. Tkellem ukoll li hekk kif hu obbligat bil-liġi informa lill-Ministru responsabbli mill-Gvern Lokali dwar in-nuqqas t'attendenza tal-Kunsillier Carlo Stivala. S'issa ma għad hemm l-ebda deċiżjoni.

**63.01.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li din il-laqgħa se tkun l-aħħar laqgħa li fiha se jkun qed jaċċetta li Kunsilliera jkunu *online* għal waqt is-Seduta tal-Kunsill. L-eċċezzjoni se tkun f'każ ta' safar jew raġunijiet ta' saħħa.

## 63.02 Approvazzjoni tal-minuti (Seduta 62)

**63.02.01** Il-minuti tas-Seduta 62 ġew approvati unanimament wara proponiment tal-Kunsillier Alex Caruana, sekondat mill-Kunsillier Simon Buttigieg.

## 63.03 Arising mill-minuti (Seduta 62)

**63.03.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma dwar punt 68.08.02 tal-aħħar seduta. Hu rrimarka li l-isem inbiddel minn Sqaq Wied ix-Xoqqa għal Trejqet Wied ix-Xoqqa. Is-Sindku semma li din ġiet riżolta mal-Kumitat Tismija tat-Toroq.

## 63.04 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**63.04.01** *Mobile Toilets (x7) 1st June Till 17th September (109 days)*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li s'issa kull ma daħlet kienet biss kwotazzjoni waħda. Il-bżonn ta' *mobile toilets* huwa biex jieħdu post il-latrina li hemm f'Wied il-Buni, peress li l-latrina se jkollha tingħalaq minħabba l-istat ta' periklu li tinsab fiha. Is-Sindku Scott Camilleri, qed jissuġerixxi li s-siegħat li jsiru fil-latrina ta' Wied il-Buni hekk kif stipulat fil-kuntratt attwali jiġu trasferiti għal-latrina ta' San Ġorġ u jkun hemm persuna li tkun dejjem preżenti, għat-tindif u osservazzjoni. Hu żied jgħid li sas-seduta li jmiss irridu naraw li jkun hemm iżjed kwotazzjonijiet ta' vendituri differenti sabiex ikun hemm il-*mobile toilets* fil-Qajjenza. Wara naraw li tinġieb kwotazzjoni għal sistema ta' *container* għan-naħa ta' Wied il-Buni biex tkun xi ħaġa aktar pulita u xi ħaġa aktar fit-tul. Iċ-ċans hu li dawn ix-xogħlijiet mistennija jieħdu fit-tul sakemm tiġi kkonfermata mill-*Planning Authority* u jinbidlu s-soqfa tal-latrina.

**63.04.02** *Aluminium door for Local Council Hall door*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li fis-sala bħalissa qiegħdha tintuża minn ammont ta' entitajiet differenti, u hekk wasalna fil-proċess li nbiddlu t-*toilets*, nirranġaw ukoll l-entratura ta' din is-sala. Hu qed jissuġerixxi li jsir bieb wieħed pulit. Apparti minn hekk bħalissa għaddej proċess biex issir sistema tal-*intercom* biex kull uffiċju li hemm isfel jkun jista' jiftaħ lin-nies minn barra. Il-Kunsillier Alex Caruana rrimarka li l-*intercom* tal-uffiċini qed teħel hekk kif hu ċempel ħafna drabi u din ma bdietx iddoqq. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat se jkellem lis-supplier sabiex jagħti service lill-intercom. Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa jekk il-bieb tas-sala u s-sistema kif se tkun hux se jkun b'saħħtu. Is-Sindku Scott Camilleri

rrisponda li dan hu tal-*Aluminium u ħġieġ.* Il-Kunsillier Alex Caruana issuġerixxa li jsir nġibu kwotazzjoni sabiex isir bil-materjal PVC. Il-Kunsill qabel li tinġabar kwotazzjoni b'dan it-tip ta' materjal.

**63.04.03** *Qtugħ ta' siġar fi Triq iż-Żebbuġ*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li hemm siġar li huma mejtin u hemm bżonn jinqatgħu. Kwotazzjoni A intgħażlet għal €600 għal tlett siġriet għat-tindif u l-użu taċ-*cherry picker*. Il-Kunsilliera Maria Mifsud saqsiet eżatt x'se jsir lil dawn is-sigar u s-Sindku Scott Camilleri semma li dan ser jinqatalhom biss il-parti li hemm mejta.

**63.04.04** *Uniformijiet ġodda għall-impjegati kollha*: L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar il-kwotazzjoni li ġiet mtellgħa waqt l-aħħar seduta però ma kienetx ċara. Issa hemm tlett kwotazzjonijiet u kif ukoll id-dettalji taż kull ħaġa marbuta mal-prezz u l-uniformi. Is-Sindku Scott Camilleri semma li f'kwotazzjoni A hemm mniżżel li dawn mhumiex rakkomandati minħabba li l-kwalità tad-drapp, kwotazzjoni Ċ mhux rakommandata minħabba t-tul ta' żmien li joffru dawn l-uniformijiet u dik ta' kwotazzjoni B hi l-aktar kwotazzjoni rakkommandata mill-istaff. Dan wara li l-istess staff mar fil-ħwienet kollha u ċċekjaw il-kwalità. Is-Sindku Scott Camilleri qal li jaqbel li mmorru għal kwotazzjoni B għalkemm hi l-ogħla waħda mit-tlett kwotazzjonijiet. B'dawn l-unifomijiet l-i*staff* iridu jippreżentaw ruħhom quddiem u wkoll ikunu komdi. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu fuq kwotazzjoni B.

**63.04.05** *32 madum għat-toilets tas-Sala*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li jrid jixtara madum għat-*toilets* tas-sala t'isfel u b'hekk il-*handyman* talab għal tlett kwotazzjonijiet ta' madum. L-irħas kwotazzjoni hi kwotazzjoni Ċ ta' €385 u dan intgħażel mill-Kunsilliera preżenti.

## 63.05 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' Pagamenti:*

**63.05.01** Is-Sindku Scott Camilleri astjena milli jagħti approvazzjoni lin-numru 45 hekk kif jista' jkun hemm konflitt ta' interess.

**63.05.02** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li l-kors tal-*Mental Health First Aid* li sar mill-impjegati tħallas dan ix-xahar.

*Petty Cash:*

**63.05.03** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-*petty cash.*

Fuq proponiment tal-Kunsillier Simon Buttigieg u sekondat mill-Kunsillier Joseph Farrugia , il-Kunsilliera preżenti kollha qablu b'vot unnanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-*petty cash*.

## 63.06 Komunikazzjoni mis-Sindku

**63.06.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li kellu komunikazzjoni mal-*Malta Freeport Corporation* fejn ġie mgħarraf li saru xi tibdiliet fil-kuntratt tal-*Multi-Storey Car Park.* Li

jrid issa hu, li tinsab data biex issir laqgħa bejn il-Kunsilliera biex jitkellmu fuq dan il-kuntratt. Wara din il-laqgħa l-kunsill jipproċjedi għall-approvazzjoni.

**63.06.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kien hemm talba mingħand l-Għaqda Storja u Kultura, biex bħala Kunsill issir talba formali biex l-ATM li hemm il-pjazza, titwaqqa. It-talba trid issir lil *Lands Department* kif ukoll lill-Bank APS. Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu li din l-ATM għandha titneħħa minn min saret l-ewwel darba peress li m'hemmx magna u hi bla użu.

**63.06.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fejn il-mollijiet qed ikun hemm diversi abbużi Hemm min jpoġġi d-dgħajsa hemm u jħallieha għal ammont ta' xhur, mingħajr ma josserva ir-regolamenti li suppost ineħħiha fi żmien erba' ġimgħat. Lura fl-2017, kien sar ftehim bejn il-Kunsill Lokali Birżebbuġa mal-għaqda dwar dawn il-punti però issa wasal iż-żmien li dan aġġornat. Il-Kunsillier Alex Caruana semma li dan il-ftehim qatt ma kien ġie ffirmat bejn il-partijiet. Kull ma kien sar huwa laqgħa u *draft* tal-ftehim propost. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li dak iż-żmien kienu marru għal-laqgħa mal-għaqda rispettiva fejn fiha kien attenda hu u flimkien mas-Sindku ta' dak iż-żmien is-Sur Joe Cutajar. Issa dan l-aħħar tkellem mal-għaqda, bagħtilhom kopja ta' dan il-ftehim u qalilhom li hemm bżonn isiru xi tibdiliet u li trid isir laqgħa u jsiru diskussjonijiet interni. Is-Sindku Scott Camilleri wasal iż-żmien li naġġornaw ruħna sew għax il-kuntratt li ra kien iffirmat u li ma xtaqx jiġi f'sitwazzjoni li jitkellem fuq xi ħaġa li ma kienx fiha hu. Qed li nibdew mill-bidu, issir laqħa malajr kemm jista jkun, u naraw id-direzzjoni 'l quddiem u wara jiġi ifformulat MoU bejn il-Kunsill Lokali u l-Għaqda. Wara nitkellmu mal-Avukat tagħna u l-Legal Department tal-Kunsill, imbagħad jekk ikun hemm bżonn jiġi fformulata *bye-law* u tiġi applikata. Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa hemmx diġa ftehim fuq il-*Car Park* hekk kif se jkunu magħhom fil-laqgħa jkunu jistgħu jitkellmu fuq hekk ukoll. Is-Sindku Scott Camilleri rrisponda li dak hu ftehim separat u li jistgħu x'ħin ikunu fil-laqgħa jitkellmu fuq dan ukoll. Is-Sindku Scott Camilleri irrimarka li fiż-żoni fejn hemm tal-Enemalta, fejn kienet tal-Kunsill, imbagħad ingħatat lill-Għaqda biex jopperaw minnha, hemm opri ta' nies li mhumiex minn Birżebbuġa, u hemm nies mir-raħal li għandhom bżonn post fejn iżommu d-dgħajjes u ma jistgħux ikollom post. Il-Kunsillier Joseph Farrugia qabel miegħu perfettament u semma li din kienet xi ħaġa li hu dejjem kien jisħaq fuqha.

**63.06.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li x-xogħol fil-*Basketball Court* beda mill-*handyman* tal-Kunsill u li sas-Sajf dan għandu jkun lest.

**63.06.05** Is-Sindku Scott Camilleri li bħala persuna diġa għandu d-dekasteru tal-Għaqdiet Volontarji jixtieq jipproponi inizjattivà min-naħa tal-Kunsill Lokali. Hu semma li l-Kunsill qed jirċievi diversi talbiet għal għajnuniet finanzjarja mill-istess għaqdiet. Hu qal li hu tkellem mal-MCVS biex ikun ċert dwar x'irid isir u x'jista isir biex tinħoloq għajnuna lill-għaqdiet volontarji tal-lokalità. Hu qed jissuġġerixxi li tinħareġ *'The Birzebbuga Local Council Voluntary Organisation Scheme 2023'.* Il-pjan tiegħu hu li dan joffri proġetti u skemi li dan jinkoraġġixxi l-għaqdiet volontarji biex jagħmlu iżjed proġetti li jgħinu l-kommunità bħal dawk Ambjentali, Attivitajiet u diversi materji oħra. L-ammont massimu li jista' jkun iddedikat għal din l-iskem jkun €10,000 u kull għaqda tista' tibbenefika minn ammont massimu ta' €500. Il-pjan hu li din tinħareġ għal madwar Mejju u li jrid jinħoloq bord indipendenti biex jamministra u jara l-applikazzjonijiet li se jidħlu. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil saqsiet jekk din tistax issir peress li l-Kunsill Lokali jistax jagħmel

*sponsorships* bħal dawn. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat talab lis-Sindku Scott Camilleri biex iġib dan il-kommunikat bil-miktub biex ikun ċert li dan jista' isir. ls-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsillier Alex Caruana semmew li din se tkun eżatt bħal meta joħroġ skema r-Reġjun. Il-proċess tal-applikazzjoni se jkun kemm bil-kitba u kemm *online,* kull organiżżazzjoni tista' tapplika għal proġett wieħed biss, li jrid isir fi żmien sena u għal kull ħaġa li tinxtara jrid ikun hemm tlett kwotazzjonijiet, biex nimxu mar-regoli finanzjarji. Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa kemm irid ikun l-ammont biex ikun hemm it-tliet kwotazzjonijiet, u s-Sindku Scott Camilleri qal li minn €50 il-fuq. Il-Kunsillier Alex Caruana qal din se tkun problema għaliex ħafna affarijiet li se jinxtraw se jkunu għoljin iżjed minn €50. Hu jħoss li €50 huwa ammont żgħir biex jingħataw il-kwotazzjonijiet. L-ammont inqabel li kwotazzjonijiet li jkunu t'inqas minn €100 bi kwotazzjoni waħda u iktar minn €100 iridu jinġabru tlett kwotazzjonijiet. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet jekk dawn l-attivitajiet, jkunux jistgħu jitolbu għal iżjed flus wara l-flus li jingħataw minn din l-iskema. Is-Sindku Scott Camilleri semma li dawn iridu jagħmlu talba lill-Kunsill u tiġi diskussa. Għal dan il-bord is-Sindku Scott Camilleri issuġġerixxa lis-Sur Raymond Camilleri, lis-Sur Hugh Zammit u lis-Sur Kevin Barun. Il-Kunsilliera preżenti kollha qablu fuq dawn in-nies. Min-naħa tal-Kunsill fil-Bord se jkunu s-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsillier Simon Buttigieg.

## 63.07 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

**63.07.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li daħlet mozzjoni mis-Sindku Scott Camilleri u ssekondata mill-Viċi Sindku Josette Busuttul, dwar akkwist ta' titlu fuq il-*Gunpost* li tinsab fi Triq Għar Dalam Birżebbuġa, mill-Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa. L-Għaqda qed titlob sabiex il-Kunsill jagħmel ittra ta' *No Objection* lill-Awtorità tal-Artijiet sabiex l-Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa tapplika għall-akkwist tat-titlu fuq dan is-sit biex tkun tista' toppera bħala sedè tal-istess Għaqda. Il-Kunsillier Joseph Farrugia irrimarka li din diġa prova joħoda l-Kunsill imma sabu li din hija tal-privat. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy qal li din tkun valida jekk din il-propjetà hi tal-Gvern u mhux tal-privat u bl-ebda mod mhu qed tawtorizza xi ħaġa fil-privat.

Taqlbu li l-Kunsill Lokali jibgħat ittra ta' *No Objection* bil-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq? Il-votazzjoni kienet hekk:

*Favur: 7*
*Kontra: 0*
*Astensjonijiet: 0*

<u>Din il-mozzjoni ġiet approvata unnanimament mill-Kunsilliera kollha preżenti.</u>

## 63.08 Korrispondenza

**63.08.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat irrimarka li l-MoU li għandna mal-Cleansing dwar il-knis skada. Iriċivejna kommunikat mill-*Cleansing* sabiex jġedduħ għal sitt xhur oħra bl-istess prezz li hemm illum. Il-Kunsillier Alex Caruana semma li hu bħal Kunsilliera oħrajn qed jidħlulu ħafna ilmenti mingħand residenti fosthom dawk ta' Triq il-Port Ħieles u Triq in-Noqra li għadhom bil-ħmieġ fihom mill-maltempata tal-10 ta' Frar. Is-Sindku Scott Camilleri fis-sitwazzjoni li qegħdin iridu nġedduħ għax m'għandniex alternattiva oħra. Il-Kunsill approva din l-estensjoni.

**63.08.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill kien applika għall-fondi marbuta min skema bl-isem tal-*LC Care* sabiex nagħmlu l-*cat shelters*. Id-dokumenti ġew sottomessi tard u kien hemm dikjarazzjonijiet neqsin u għalhekk ma ġewx aċċettati. F'din is-sitwazzjoni l-Kunsill irid jirrifondi lura l-ammont ta' €1,856. Is-Sindku Scott Camilleri ġibed għall-attenzjoni lill-Kunsilliera biex joqgħodu attenti u isegwu l-proċess tal-iskemi u jgħaddu d-dokumenti meħtieġa fil-ħin u kompluti.

## 63.09 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

**63.09.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, reġa fakkar dwar il-*Call for Quotation* pendenti tal-*Environmental Officer.* Is-Sindku Scott Camilleri qall li se jsejjaħ żewġ laqgħat separati sabiex jiddiskutu kemm din is-sejħa u kif ukoll dwar l-MoU tal-Carpark tal-*Malta Freeport Corporation*.

**63.09.02** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li fil-jiem li għaddew ġie avviċinat minn membru tal-Għaqda tas-Sajjieda, li xtaq li bejn iż-żewġ skalien li hemm ftit 'l bogħod mill-Kunsill isiru żewġ *sleeping policeman* minħabba li qed ikun hemm sewqan eċċessiv huma u jtellgħu d-dgħajjes. Il-Kunsillier Joseph Farrugia u l-Kunsillier Alex Caruana qalu li minħabba tal-linja dawn mhux se jingħataw permess. Is-Sindku Scott Camilleri semma li din responsabbilità ta' Transport Malta. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil, semmiet li hi diġa kella kommunikat ma' persuna minn TM u dan qalilha biex nibgħatu ittra bil-miktub biex tingħadda min-naħa tagħhom. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li dalwaqt se jkollu laqgħa ma' persuna minn TM, dan se jitolbu biex jinżel Biżebbuġa u kif ikun hawn isemmilu din it-Triq biex jiddiskutu x'hemm bżonn isir.

**63.09.03** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li l-persuna teknika inkarigata mill-IT, qallu li *back-up* tas-*server* m'għandniex, iġifieri jekk ikun hemm *fault* fis-server nitilfu id-*data* kollha. Is-Sindku Scott Camilleri staqsa x'ġara min-NAS *Drive.* L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li wara li tkellem mal-persuna inkarigata mill-IT, issuġġerixxa li tinxtara *External Hard Disk* biex l-affarijiet jiġu awtomatikament *stored* fuq din l-*External Hard Disk.* Is-Sindku Scott Camilleri semma li aħna għandna s-*Synology* u b'hekk suppost għandna *back-up* ta' kollox. Wara diskussjoni ġie maqbul li l-*back-up* għandha ssir *cloud (online),* u nħallsu għas-servizz.

## 63.10 *Quarterly Report* (Jannar – Marzu 2023)

L-*Accountant* tal-Kunsill, is-Sinjura Doreen Mintoff ipparteċipat *online* sabiex tagħti spjegazzjoni dwar il-*Quarterly Report* (Jannar – Marzu 2023).

**63.10.01**. L-*Accountant* Doreen Mintoff semmiet li l-Kunsill sal-llum mexa kollox kif hemm mniżżel fil-*budget.* Irrimarkat li kemm ilu li nbidel il-kuntratt marbut mal-ġbir tal-iskart, l-ispejjeż tat-*tipping fees*, irduppjaw. Sa Marzu kien diġa ttieħed il-*budget* ta' Ġunju. Is-Sindku Scott Camilleri qal li min-naħa tiegħu qatt ma qabel mat-*tender* ikun wieħed Reġjonali għax kif assuma, żdiedu ħafna t-*tipping fees*. Fl-*account* 3040 kien hemm *budget* ta' €52,000 u li sa Marzu diġa intużaw madwar €25,000. Is-Sindku Scott Camilleri semma li dawn kienu qed jitħallsu b'rati ta' erba' snin ilu, u llum il-ġurnata qed inħallsu rati attwali, peress li hemm *tender* ġdid. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li meta l-kuntrattur jidħol biex jarmi jiġi mkejjel il-piż tat-truck u jiġi mħallas il-kont fuq

dak il-piż. Aktar ma jirreċiklaw in-nies aktar se jonqsu l-ispejjeż tat-*tipping fees*. *L-Accountant* Doreen Mintoff qalet li l-FSI tal-Kunsill hu dak ta' 103%. Dan hu tajjeb ħafna.

Il-*Quarterly Report* li jkopri bejn Jannar u Marzu 2023, ġie approvat mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**63.11 *Audited Financial Statements for year ending* 2022**

L-*Accountant* tal-Kunsill, is-Sinjura Doreen Mintoff ipparteċipat *online* sabiex tagħti spjegazzjoni dwar l-*Audited Financial Statements for year ending* 2022.

**63.11.01** *L-Accountant* Doreen Mintoff semmiet li fil-ġimgħat li għaddew il-Kunsill Lokali kellu l-audit li jsir kull sena hekk kif inhu stipulat. Minn dan l-*audit*, kull ma kien hemm fl-aġġustament tal-*Financial Statement* kienu l-NI u FSS ta' Diċembru li ġiet klassifikata minn *accruals* għal *other editors*. Il-bqija bħala FSI u '*Profit and Loss*' baqa kollox l-istess kif ġie approvat fi Frar. Is-Sindku Scott Camilleri staqsa jekk hemmx xi affarijiet tekniċi oħra li rridu noqgħodu attenti għalihom u l-*Accountant* Doreen Mintoff qaltlu li m'hemm xejn, imma l-*audit* xorta se jkun kwalifikat, minħabba l-kwistjoni tal-ammont ta' €67,618.85 taż-*Żurrieq Joint Commitee,* għax rigward dan il-Kunsill qatt ma qabel li jagħmel *provision* għalihom. L-awdituri qed jagħmlu *justification* għaliha għax bħalissa mhux naqblu mal-*management*. Ma kien hemm l-ebda mistoqsija min-naħa tal-Kunsilliera.

**63.11.02** Is-Sindku Scott Camilleri u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv faħħru u rringrazzjaw lill-Amminstrazzjoni kollha għax-xogħol siewi li għamlu, fejn l-*audit* ġie iffinalizzat fi żmien ġimgħa.

**63.12 Laqgħa Annwali 2022**

**63.12.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat fakkar li għad trid issir il-laqgħa annwali tal-lokalità. Is-Sindku Scott Camilleri fakkar lill-Kunsilliera li għad iridu jsiru rapporti tal-ħidma tagħhom tas-sena li għaddiet. Hu talab sabiex jibgħatu lilu f'*word document, f'point forms* sal-Ġimgħa 12 ta' Mejju 2023. Wara hu se joħroġ dokument finalizzat. Id-data magħżula għal din il-laqgħa hi nhar il-Erbgħa 31 ta' Mejju 2023 fis-6:00pm ġewwa l-*boardroom* tal-Kunsill.

**63.13 Ingaġġ ta' Skrivan/a full-time fi Skala 15**

**63.13.01** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li fuq il-mejda tal-kamra qiegħed kopja tar-rapport mill-bord tal-għażla, wara li saru l-intervisti għal Skrivan/a. Fl-4 t'April il-membri tal-bord ingħaqdu fil-*boardroom* għall-intervisti li kellhom isiru, mid-9 li applikaw, kien hemm 6 li kienu eliġibbli u 3 ma preżentawx id-dokumenti jew linma kienux eleġibbli. Minn dawn is-6 li intgħażlu għall-intervisti kien hemm persuna li kienet diġa sabet impjieg ieħor allura m'attendiex għall dawn l-intervisti, u b'hekk l-intervisti saru biss lil 5 kandidati. Wara li saret evalwazzjoni mill-bord, il-persuna fl-ewwel post ġiet rrakomandata biex tingħata dan l-impjieg. Is-Sindku Scott Camilleri qal li hu kien fil-bord tal-għażla u jista' jikkonferma li qal l-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsilliera kollha qablu mar-rakkomandazzjoni tal-bord li din il-persuna għandha tigi ingaġġata. Fuq nota oħra, l-Viċi Sindku Josette Busuttil xtaqet tesprimi l-gratitudni tagħha

lejn l-iskrivana mibgħuta mill-iskema tal-Community Workers, is-Sa. Maria Gerada li qed tagħmel biċċa xogħol tajba u qed tkun t'għajnuna kbira lill-ħaddiema l-oħra.

**63.13.02** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat fakkar li bħalissa għad hemm żewġ vakanzi oħra li huma miftuħa. Dik t'Uffiċjal Eżekuttiv u tal-*Contracts Manager (Part Time)* fi Skala 13. Is-Sindku Soctt Camilleri semma li nġabru xi kwotazzjonijiet biex jsiru avviżi fuq il-gazzetta u dawn kienu se jammontaw għal €1,000 għal darba waħda. Din ma saritx għax mhix viabbli u għandaqstant ġie deċiz li l-avviżi għandhom jiġu ppublikati fuq *facebook* mill-ġdid.

## 63.14 Sejħa biex timtela' l-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv

**63.14.01** L-Aġent Segretaju Eżekuttiv qal li ftit tal-ġranet ilu il-Kunsill irċieva il-lista ta' dawk kollha li huma interessati sabiex ikunu Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali tagħna. Ġewwa Birżebbuġa hemm interessati erba' persuni li urew l-interess tagħhom u ġew magħżula mid-Diviżjoni. Fakkar li l-proċess irrid jitkompla mill-Kunsill sabiex ġurnata u jintervista hu lil dawn il-persuni. Ġie deċiż li l-intervisti jsiru il-Ħamis 27 t'April 2023 fil-17:30h. Il-membri tal-bord se jkun kompost minn tlett persuni. Dawn huma iċ-Ċerman is-Sur Adrian Mifsud u l-membri is-Sindku Scott Camilleri u l-Viċi Sindku Josette Busuttil. Is-Segretarju tal-Bord u li se tkun qed tieħu ħsieb dan il-proċess se tkun is-Sa. Stephanie Aloisio.

## 63.15 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi

**63.15.01** Il-Kunsillier Joseph Farrugia tkellem dwar il-proġett tad-drenaġġ li ser isir, fejn id-drenaġġ minn Ħal Far se jinżel kollu għal Triq iż-Żibra, u se jkollu ħames kisriet. Il-Kunsillier Alex Caruana rrisponda tkellem biex dan ma jsirx, u fuq l-*iscreen* spjega kif hu jipproponi li din is-sistema għanda ssir. Hu sostna li l-Kunsill għandu jibgħat *e-mail* fejn jinforma li f'din is-seduta l-Kunsill iddiskuta din il-problema u ma jaqbilx ma dak li hu pjanat li jsir.

**63.15.02** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li din il-ġimgħa hu u s-Sindku Scott Camilleri attendew għal-laqgħa ma' *Infrastructure Malta*. Din kienet dwar il-lista ta' toroq urbani u dawk rurali. L-ewwel li ssemmiet min-naħa ta' din l-entità kienet Triq Għar Dalam, fejn kien hemm informazzjoni ħażina fuq x'se jiġri għax suppost saru biss ż-żewġ naħat tat-*traffic lights* ta' Marsaxlokk. Dawn ix-xogħlijiet kienu se jibdew mingħajr ma l-Kunsill kien mgħarraf dwar dan. Dawn ġol-bankina se jagħmlu żewġ *rising mains* fejn minn wieħed se jiġu tnejn. Il-Kunsillier Alex Caruana qed jisħaq biex jinbidel il-*high tension cable* kollu, ingħaddu pipijiet tal-*conduit* għal bżonnijiet li jistgħu jinqalgħu, tinbidel il-medda tal-latrina biex minn 6 pulzieri tiġi 8 pulzieri u jingħadda *cable* għal mar-*roundabout* biex ikun hemm supply ta' dawl fiha.

**63.15.03** Il-Kunsillier Simon Buttigieg tkellem dwar dak il-meter tad-dawl li għandu kont pendenti dwaru l-Kunsill. Il-Kunsillier Joseph Farrugia kompla jsostni li dan mhux tal-Kunsill imma bdew jibgħatu l-kont lil min iħaddem il-winċ. Il-Kunsillier Simon Buttigieg qal li fl-antik kien hemm l-ex Kunsillier li kien iffirma li dan il-*meter* hu tal-Kunsill. Hu kompla li hu skeda *meeting* mal-ARMS, u li kull min irid, mill-Kunsilliera jattendi ħalli dan il-każ li ilu snin pendenti jinqata' darba għal dejjem. Il-Kunsilliera Alex Caruana u Joseph Farrugia proponew lilhom nfushom biex jattendu għal dan il-*meeting*. Il-Kunsillier Simon

Buttigieg staqsa minn iħallas il-*meters* tal-*istreet lighting* fil-*promenade* u l-Kunsillier Alex Caruana wieġeb li l-Kunsill ma jħalles l-ebda wieħed minn dawn il-*meters*. Il-Kunsillier Simon Buttigieg talab biex jiġi provdut b'ritratti tal-numru ta' dawn il-*meters*.

**63.15.04** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li hi kellha komminukat ma' residenti minn Triq tal-Ġebel li kienu qallu li meta kienet saret it-triq tagħhom, kien se jkollom it-trasport pubbliku. S'issa għad mgħandhomx dan is-servizz. Is-Sindku Scott Camilleri qal li kien hemm korrispondenza mal-*Malta Public Transport*. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li l-*Malta Public Transport* issa qalu li ser itawwlu l-kilometri tar-rotta imma hu kompla jsostni li għandha ssir u jinqatgħa biċċa minn tal-Papa meta tgħaddi minn Triq tal-Ġebel. Is-Sindku Scott Camilleri talab li terġa ssir din it-talba, u talab lill-Kunsillier Johann Borg biex jikkordina mal-Kunsilliera Alex Caruana u Simon Buttiġieġ dwar din il-materja. Il-Kunsillier Alex Caruana u l-Viċi Sindku Josette Busuttil tkellmu wkoll dwar il-bżonn li jiżdiedu l-karozzi tal-linja li jidħlu il-Qajjenza.

**63.15.05** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa dwar il-*bus shelters* tar-raħal, hekk kif hemm minnhom li għandhom bżonn jiġu rranġati, apparti li lanqas il-ġodda li kellhom issiru għadhom ma sarux. Il-Kunsillier Johann Borg qal li hu kien f'kommunikat kontinwu mal-kumpanija li tieħu ħsieb dawn il-*bus shelters*. Il-Kunsillier Alex Caruana hu tal-opinjoni li jsir disinn ta' *bus shelters* u li jkun bl-identità tal-lokal tagħna – eżempju il-kuluri sinonimi u bl-arma ta' Birżebbuġa. Dan id-disinn issir mill-Kunsill u li jkun tagħna u jintuża biss ġewwa Birżebbuġa. Il-Kunsilliera qablu imma jrid ikun hemm qbil mal-entità u mal-Awtorità tal-Ippjanar. Il-Kunsillier Johann Borg qal li fuq tal-*bus shelters* hu kien qed ukoll ma' Kevin Vassallo, fejn kien qallu li bħalissa id-diskussjonijiet għadhom għaddejin u hemm kollox wieqaf. Hu semma ukoll li meta kien hemm bżonn jiġu jsewwu xi ħsarat dawn ġew mill-ewwel biex jirranġaw.

*Bħalissa is-19.30h u l-Kunsillier Joseph Farrugia talab biex jiġi skużat minħabba raġunijiet personali.*

**63.15.06** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li tkellmet ma' persuna minn Sqaq ta' Salvun, dwar dan l-isqaq. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb mill-ewwel li hu kien diġa għamel kommunikat m'*Infrastructure Malta* fuq din il-kwistjoni imma din ma ġietx aċċettata.

**63.15.07** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li kien hemm resident li tkellem magħha dwar Triq iż-Żibra, fejn jixtiequ jagħmlu talba biex jinqaleb il-parkeġġ fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Is-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsillier Alex Caruana qalu li din tista' ssir imma hemm biċċa bejn Triq San Ġwann u Triq iż-Żibra li trid issir bid-*double yellow line* u li rridu l-approvazzjoni ta' *Transport Malta*. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li l-persuna għandha tiġbor u tiġi b'petizzjoni ffirmata mir-residenti. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li għanda tinżel persuna minn *Transport Malta* fuq affarijiet oħra u hu ser ikellmha fuq din.

**63.15.08** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar il-ġnien ta' faċċata tal-Kunsill. Is-Sindku Scott Camilleri qal li dan jieħu ħsiebu l-kuntrattur tas-*soft areas*. It-tindif qed jieħdu ħsiebu l-*Cleansing and Maintanance Department*..

**63.15.09** Is-Sindku Scott Camilleri qal li hu ċċekja ma' *Transport Malta* fuq il-parkeġġi riservati li jkunu personalizzati u l-applikazzjonijiet li jidħlu mill-privat. Hu ġie imwieġeb

li *Transport Malta* jinnotifikaw lill-Kunsill u jitolbu risposta minn għandu. Hu tkellem ma' *Transport Malta* fejn qallhom li kulħadd jaf dwar il-problema tal-parkeġġ li hawn u idealment jekk issir *Disabled Parking Space* għandha ssir kommunali u mhux isir personalizzata. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li aħna mhux fid-dover li noqgħodu nduru u naraw l-applikazzjonijiet imma dawn iridu jiġu *vetted* minn bord tekniku apposta li għandhom *Transport Malta*.

**63.15.10** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li daħlu żewġ talbiet għall-parkeġġi riservati personalizzati. Is-Sindku Scott Camilleri qal li *Transport Malta* għandhom jieħdu f'idejhom jekk isirux hekk jew inkella kommunali. Is-Sindku Scott Camilleri qal li dawn għandhom isiru kommunali. Il-Kunsilliera preżenti qablu.

**63.15.11** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li kelmitu persuna (li mhux residenti s-sena kollha imma tiġi fix-xhur tas-Sajf biss) sabiex issir kaxxa kommunali għal *blue badge holders* viċin il-*Lido Hall*. Hu talab hux possibli li ssir waħda fil-viċinanzi. Is-Sindku Scott Camilleri qal li hemm waħda fejn *stationary.*

**63.15.12** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar l-approvazzjoni tal-2017 sabiex issir *pelican crossing* quddiem il-*Miracle Foods.* Il-Kunsillier Alex Caruana qal li naħa minnhom sab il-kaxxa u l-pipe biex isiru, imma n-naħa l-oħra mhu jsib xejn. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li aħna m'għandniex approval biex issir kif inhi t-triq bħalissa imma kif kienet it-triq mibnija fl-2017 bic-*central strip* fin-nofs. Kif ġiet issa t-triq l-aħjar hu li napplikaw għall-*Pellican Lights*. Il-Kunsillier Alex Caruana se jitlob laqgħa ma' Transport Malta. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil fakkret dwar il-*Bus Stop* f'din it-triq li għadu ma sarx.

**63.15.13** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li kellna talba biex jiżdied il-parkeġġ fi Triq il-Barrieri mal-ħajt fi Triq il-Port Ħieles. Hu mar fuq il-post biex ikun ċert u nnota li jista' jiżdied parkeġġ, għaliex din xorta qed jipparkjaw fiha. Is-Sindku Scott Camilleri qal biex jitkellem mal-*foreman* u dan jara x'hemm bżonn li jsir.

**63.15.14** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa dwar il-*parking bay* li hemm fit-tarf ta' Triq San Tuma. Is-Sindku Scott Camilleri qal li dik kien hemm talba minn Transport Malta għax ma setgħux jgħaddu tal-linja minn hemm. Żied li hemm bżonn tiċċaqlaq l-*stop sign* li hemm mal-art biex jitnaqqsu l-aċċidenti. Din se ssir mill-*foreman*.

**63.15.15** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar il-bankina quddiem il-ħanut *Countrystyle*. Dan tal-ħanut għamel il-madum fuq il-bankina b'kollox. Is-Sindku Scott Camilleri qal li bħala Kunsill ma daħlet l-ebda talba fuq din il-materja. Is-Sindku qal li din se jsemmieha fil-laqgħa li għandu mal-Pulizija tal-Kommunità.

**63.15.16** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar il-lukanda Dowdall fil-Qajjenza li qiegħed fiċ-ċans li jiġġaraf. L-arbli twaħħlu ħazin u tfew il-bozza. Hu ċċekkja mal-Enemalta u l-persuna li ried ikellem kien bil-*leave* u mhux hu waħħal dawn l-arbli imma għandu jiċċekkjalu minn talab biex jitwaħħlu l-arbli u li din il-persuna suppost kelha tagħmel talba lil-Kunsill.

**63.15.17** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar il-bozza ta' ħdejn il-*waterpolo pitch* fejn fl-aħħar jidher li se jkun hemm soluzzjoni. Il-problema kienet li l-bozza kienet tajba, imma

ma hemmx supply għall-bozza. Din li ġara, li l-*cable* inqata minħabba li intradam bil-konkos. Issa l-Enemalta se jinżlu mal-kuntrattur, u jaraw minn fejn jistgħu jingħaddu *cable* ġdid u jkun hemm *supply* ġdida.

**63.15.18** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li l-arblu ta' ħdejn il-*football ground* li ser jimxi u sejjer ħdejn l-isqaq. Hu diġa u hu diġa iltaqa u tkellem mal-kuntrattur.

**63.15.19** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem fuq ix-xatt u semma li bħalissa għadna għaddejin bl-ewwel fażi u li mexjin sewwa u fi żmien xahar dik il-parti tkun lesta bic-*circuit* il-ġdid. Is-Sindku Scott Camilleri staqsa lil-Kunsillier Alex Caruana jekk id-dawl tal-*ground* tal-*football* tax-Xatt jistgħax ikun separat minn mal-kumplament u il-Kunsilllier Alex Caruana qallu li hekk ser isir.

**63.15.20** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar ir-*roundabout* ta' San Ġorġ fejn tkellem mac-CEO tat-TZRA fejn qallu li ma sema xejn uffiċjali min-naħa tagħna. Is-Sindku Scott Camilleri kkonferma li min-naħa tal-Kunsill ħareġ kollox. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li l-Kunsill qal li qatt ma' bagħat konferma uffiċjali u is-Sindku Scott Camilleri qal li se jifformola *email* fejn ser jikkonfermalu hu.

**63.15.21** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa dwar il-*bye-law* tal-*caravans*. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li hu għaddiha lid-Dipartiment u għadu qed jistenna risposta.

**63.15.22** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa dwar il-*multi-story car park* u kif ser tiġi mmaniġġjata dan il-car park. Is-Sindku Scott Camilleri qal li din għad trid tiġi diskussa.

**63.15.23** Il-Kunsillier Alex Caruana talab li l-*pelican crossing* ta' quddiem is-*SeaBreeze* għandha timxi għal quddiem il-BOV. Is-Sindku Scott Camilleri qallu li din għandha bżonn il-permess minn Transport Malta.

**63.15.24** Il-Kunsillier Alex Caruana ikkonferma dwar in-nuqqas ta' dawl fi Triq il-Barrieri fejn hemm ħafna dlam f'din it-triq. Hu nnota ukoll li hemm id-dlam fi Triq Karm Bugelli fejn kienu twaħħlu *floodlights* u li qatt ma' ġew ikkonnetjati. Hu ltaqa man-Nexos biex isir l-istess ħaġa li ġara bi Triq Ferdinand Stufflesser fejn saru erba' *floodlights*. Tkellem ukoll mal-Enemalta u dawn aċċettaw. Il-Kunsilliera preżenti qablu li ssir worksorder għal din it-talba.

**63.15.25** Il-Kunsillier Alex Caruana qall li hu attenda għal launching tat-30 sena minn kemm ilhom imwaqqfa l-Kunsilli Lokali. Se jibagħtulna iżjed informazzjoni dwar x'se jkun qed jiġri.

## 63.16 Proġetti u Skemi

**63.16.01** Ma kienx hemm xejn x'jiġu diskussi.

## 63.17 Saħħa, indafa u ambjent

**63.17.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li qed nistennew min-naħa tal-Perit dwar il-BoQ's sabiex issir il-Berġa.

**63.17.02** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li ħafna nies qallulu dwar il-ħaxix ħażin ta' Triq il-Ħaruf. Is-Sindku Scott Camilleri qal li dawn jew isiru bil-Cleansing jew bin-nies tagħna.

**63.17.03** Il-Kunsillier Alex Caruana semma dwar l-isqaqien rurali meta kien hemm il-*meeting* ma' *Infrastructure Malta*. Jidher li hu proġett pilota, u jidhe li ma kienx suċċess.

**63.17.04** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li matul il-ġimgħa ta' qabel attenda għall-*meeting* dwar in-*new water system.* Waqt dan il-*meeting* il-Kunsillier Alex Caruana staqsa jekk Birżebbuġa hux se tibbenifika minn dan il-proġett fit-tieni stadju. Il-maġġoranza tal-bdiewa ta' Birżebbuġa mhux ser ikunu akkomodati b'din il-ħaġa. Minn dan il-proġett Birżebbuġa ha tibbenefika biċċa zgħira fiż-żona tax-Xerriek, in-Nigret etċ. Wara ha jkun hemm pjan li jestendi fin-naħat tal-Brolli, Bengħajsa, Ħal Far, tal-Papa u tal-Ġebel. Mir-risposta li rċieva hu li hu żgur li sas-2030 m'hemm l-ebda pjan għal Birżebuġa.

**63.17.05** Il-Kunsillier Johann Borg semma li meta l-i*staff* għamlu l-kors tas-saħħa metali, ħareġ biċ-ċar li jrid isir kors ieħor fuq immaniġġjar tal-istress. Sar qbil li jsir għal Ottubru.

**63.18 Attivitajiet**

**63.18.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li ġurnata Sqallija kienet attività ta' suċċess. Hemm ukoll attivitajiet ippjanati ta' Jum l-Omm u Jum il-Missier.

**63.18.02** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li ser tqabbad persuna teknika minn barra biex jgħina fl-attività tal-Imnarja li ser issir fl-24 ta' Ġunju fil-Qajjenza.

**63.18.03** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil semmiet li bejn id-9 u l-10 ta' Settembru ser ikun hemm Jum Birżebbuġa.

**63.19 Kultura, żgħażagħ u sport**

**63.19.01** Ma kienx hemm xejn x'jiġu diskussi.

**63.20 Affarijiet oħra**

**63.20.01** Ma kienx hemm xejn x'jiġu diskussi.

**63.21 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**62.21.01** Is-Seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:30h wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 29 ta' Mejju 2023, fil-17:30h.

**Ikkonfermati llum it-Tnejn 29 ta' Mejju 2023**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ________________________ | ___________________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |